**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 2 t' Ottubru 2023**

**Rikors Numru: 222/2023 MLF**

**Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru: 1833/06 fl-ismijiet:**

**Maltacom p.l.c.**

**vs**

**Antoine Paul Farrugia**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ta' Antoine Paul Farrugia fit-termini tal-Artikolu 281(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn espona:

   Illi fis-17 ta' Mejju 2023 ir-rikorrenti ipprezenta talba ghall-hrug ta' kontro-mandat (nr. 1151/23) kontra Go p.l.c. allura Maltacom p.l.c. u dan stante li s-sentenza fl-ismijiet premessi, deciza fil-31 t'Ottubru 2005 b'avviz nru 362/205 [sic] ma gietx ezegwita fit-termini perentorji skond l-Artikolu 258(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

   Illi wara li s-socjeta Maltacom p.l.c. giet notifikata, wiegbet billi qalet is-segwenti:

   *"Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta esponenti umilment tirrileva li l-Artikolu 258(b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta citat fir-rikors promotur huwa*

*applikabli biss f'dawk ic-cirkustanzi illi fihom kreditur ikun irid iniedi process sabiex jaghti ezekuzzjoni ghall-titlu precedentement miksur, u dan wara li jkun ghadda l-perjodu taz-zmien indikat fl-imsemmija Artikolu.*

*Illi l-mandat ta' sekwestru citat huwa tat-tip ezekuttiv u ghaldaqstant fir-rigward tieghu, l-Artiklu 258(b) tal-Kap. 12 ma jista jkollu ebda applikazzjoni.*

*Illi, ghal kuntrarju japplika l-Artiklu 383 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta"*

Illi l-Qorti tal-Magistrati fis-26 ta' Mejju 2023 cahdet it-talba tar-rikorrenti ghar-ragunijiet indikati fir-risposta.

Illi bid-dovut rispett, dak sottomess fir-risposta ma jaghmilx sens legalment. Ir-rikorrenti mexxa t-talba originali tieghu fuq dak li jippredisponi l-Artikolu 258(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Artiklu jghid:

*"Wara ... ... l-gheluq ta' ghaxar snin minn dak in-nhar li fih skond il-ligi it-titolu ezekuttiv imsemmi fil-paragrafi (a) (c) u (d) tal-Artikolu 253, rigward sentenzi u digrieti tal-Qrati Inferjuri jew tat-Tribunal tat-Talbiet Zghar seta' gie esegwit ... ... l-esekuzzjoni tista ssir biss wara talba maghmula b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti. Ir-rikorrent ghandu wkoll jikkonferma bil-gurament ix-xorta tad-dejn jew tat-talba li jkun qed ifittex l-esekuzzjoni taghha, u li d-dejn jew parti minnu jkun ghadu dovut"*

Illi indubjament u b'mod skjaccanti ghandu jirrizulta li wara t-trapass tal-perjodu perentorju su indikat, ma jistax ikollok aktar mandati ezekuttivi u per konsegwenza il-mandat mertu ta' dan ir-rikors m'ghandux jibqa in vigore ghaliex is-sentenza li fuqha huwa bbazat m'ghadhiex ezekuttiva.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella l-mandat fl-ismijiet premessi a tenur tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 u dan taht dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.

2. Rat ir-risposta tas-socjeta GO p.l.c. fejn esponiet:

Illi b'effett mill-20 ta' Novembru 2007, is-socjeta Maltacom p.l.c. bidlet isimha ghall-GO p.l.c. u dan kif jirrizulta mid-dokument immarkat bhala Dok A anness mal-istess risposta.

Illi bil-prezenti hija umilment topponi ghat-talba tar-rikorrent ghat-thassir, revoka u kancellament tal-mandat ta' sekwestru citat fir-rikors tas-6 ta' Settembru 2023 u dan stante illi l-imsemmija talba hija wahda frivola u vessatorja u li m'ghandha l-ebda bazi legali.

Illi ghaldaqstant, is-socjeta intimata talbet lill-Qorti sabiex tichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez ghall-istess rikorrenti.

3. Rat l-atti kollha ta' din il-procedura u d-dokumenti ipprezentati, kif ukoll l-atti tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 1833/2006 fl-ismijiet premessi, u tal-kontro-mandat numru 1151/2023 fl-ismijiet premessi.

4. Semghet it-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

5. Rat illi waqt it-trattazzjoni orali fis-seduta tal-20 ta' Settembru 2023 il-Qorti ssollevat ex officio l-kwistjoni tar-res judicata in vista li diga hemm decizjoni quddiem il-Qorti kif diversament preseduta tas-26 ta' Mejju 2023.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. Kif qal ir-rikorrent stess fir-rikors promotur tieghu u kif jirrizulta mill-atti tal-kontromandat numru 1151/2023 fl-ismijiet premessi, fis-17 ta' Mejju 2023, ir-rikorrent kien ghamel talba lil din il-Qorti, diversament preseduta, sabiex *"tordna l-hrug tal-opportun kontramandat ... ... stante li s-sentenza fl-ismijiet premessi deciza fil-31/10/2005 b'avviz nru. 362/205* [sic] *ma gietx ezegwita fit-termini perentorji skond l-Artikolu 258(b) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta."* Din it-talba hija fis-sostanza identika

ghat-talba li qed issir fir-rikors odjern, pero din it-talba saret fuq formula tal-kontro-mandat specifikata fi Skeda B tal-Kodici ta' Procedura Civili, kif previst fl-Artikolu 1007 tal-istess Kodici.

7. B'digriet tas-26 ta' Mejju 2023, din il-Qorti diversament preseduta, cahdet it-talba tar-rikorrent.

8. Ir-rikorrent qed jaghmel l-istess talba fis-sustanza f'dan ir-rikors intavolat ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kodici ta' Procedura Civili. In vista li l-istess kwistjoni identika bejn l-istess partijiet diga giet deciza bid-digriet tas-26 ta' Mejju 2023, din il-Qorti issollevat *ex officio* l-eccezzjoni tal-gudikat.

9. Kif inhuwa risaput, il-Qorti tista' tissolleva eccezzjoni *ex officio* biss jekk kemm-il darba tali eccezzjoni hija wahda ta' ordni pubbliku, u konsegwentement ma tistax taqa' taht ir-regola li l-parametri tal-azzjoni – hekk kif posti mill-azzjoni u mill-eccezzjoni – huma mhollijin ghall-partijiet u l-Qorti ma tistax tindahal fihom.

10. Din il-Qorti, kif preseduta, hija konxja illi l-kwistjoni jekk l-eccezzjoni tal-gudikat hix wahda ta' ordni pubbliku jew le, hija kwistjoni ferm dibattuta u m'hemmx qbil fuqha la fil-gurisprudenza Maltija, u lanqas fid-dottrina u fil-gurisprudenza estera. Pero, din il-Qorti taqbel mal-insenjament fir-rigward tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili[1] fis-sentenza **Michelangelo Camilleri vs Victoria Azzopardi** deciza 16 ta' Gunju 2020, minkejja li din is-sentenza ghadha tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell. F'din is-sentenza, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghamlet studju tad-dottrina u l-gurisprudenza estera, kif ukoll tal-gurisprudenza Maltija fir-rigward, u ikkonkludiet hekk:

*"Jidher għalhekk li l-Qrati tagħna addottaw il-kitba ta' Mattirolo b'din l-isfumatura partikolari: filwaqt li Mattirolo jibbaża l-obbligu tal-Qorti li tiddeklina milli tiddeċiedi mill-ġdid appena ssir taf mill-atti li hemm sentenza oħra li għaddiet in ġudikat fuq l-istess kwistjoni u bejn l-istess partijiet fuq* ***<u>raġuni ta' ordni pubbliku</u>****, il-Qrati tagħna jibbażawha fuq il-****<u>preżunta nuqqas ta' rinunzja tal-partijiet</u>*** *jew ta' xi parti għall-effetti tal-ewwel sentenza. Skont il-Qrati tagħna, għalkemm il-ġudikat huwa ta' ordni pubbliku,*

[1] *Per* Imhallef Grazio Mercieca.

*l-eċċezzjoni għalih mhix, u allura tista' tiġi rrinunzjata mill-partijiet u l-Qorti ma tistax tippronunzjaha ex officio;*

*Illi din il-Qorti tista' tiddeklina milli tesprimi l-fehma tagħha dwar jekk l-eċċezzjoni tistax titqanqal ex officio jew le, taddotta l-fehma li ġaladarba f'dawn l-atti hemm ġudikat preċedenti msemmi fil-proċess, allura trid tieħu kont tal-ġudikat preċedenti, u tieqaf hawn mingħajr ma tinoltra ruħha fuq ir-raġuni ġuridika għal din id-deċiżjoni, għaliex fl-aħħar mill-aħħar ir-riżultat ikun l-istess; Illi b'danakollu, din il-Qorti tħoss li huwa opportun li tagħti l-fehma tagħha, mirfuda bi prinċipji legali, dwar jekk l-eċċezzjoni tal-ġudikat huwiex sollevabbli ex officio jew le. Il-Qorti tikkunsidra li:*

1. *sentenza tal-Qorti mhux lodo t'arbitraġġ. Hija pronunzjament ta' organu tal-Istat, u mhux sempliċiment att privat bejn il-litiganti. Għalhekk mhix biżżejjed ir-rinunzja tal-litiganti biex titħassar sentenza għaliex hemm it-tielet parti – li huwa l-Istat – li wkoll irid jagħti l-kunsens tiegħu. Il-partijiet jistgħu jagħżlu li jirrinunzjaw għall-effetti tas-sentenza, u ma jinfurzawhiex, jew saħansitra jagħmlu ftehim differenti bejniethom, imma ma jistgħux jinjoraw jew iħassru l-awtorita` u l-immutabilita` tagħha. Għalhekk mhux aċċettabbli l-argument li l-ġudikat huwa ta' ordni pubbliku fis-sens li parti ma tistax tiġi assoġġettata għal proċeduri ġudizzjarji multipli, u li b'danakollu hija tista' tirrinunzja għal dan il-jedd.*

2. *Ippronunzjata s-sentenza, il-kompetenza tal-Qorti tiġi eżawrita; ma tistax, lanqas bil-kunsens tal-partijiet, tbiddel is-sentenza. Hemm biss ir-rimedju ordinarju tal-appell u r-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni. Jekk jiġi permess li jiġi injorat ġudikat, ikun ifisser li jkun qiegħed jiġi maħluq mezz ġdid ta' impunjazzjoni li l-qafas legali ma jippermettix.*

3. *Skont l-Art. 811 tal-Kap 12, sentenza li tingħata wara sentenza oħra fuq l-istess partijiet u l-istess mertu hija soġġetta li tiġi mħassra bil-mezz tar-ritrattazzjoni, sakemm l-eċċezzjoni tal-ġudikat ma tkunx ġiet imqanqla u deċiża waqt is-smiegħ tat-tieni kawża. It-tieni sentenza għalhekk hija vvizzjata anke jekk l-eċċezzjoni ma tkunx tqanqlet mill-partijiet. Jekk skont il-liġi t-tieni sentenza hija vvizzjata, huwa illoġiku li tobbliga lill-imħallef jippronunzjaha sempliċiment għax il-partijiet ma*

> *qanqlux l-eċċezzjoni tal-ġudikat – u jippronunzja sentenza li titqies impunjabbli permezz tar-ritrattazzjoni;*

*Illi fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet appena svolti, għal din il-Qorti, huwa ċar li l-konklużjoni għandha tkun waħda: dik li l-eċċezzjoni tal-ġudikat huwa waħda ta' ordni pubbliku, sollevabbli ex officio, u għalhekk mhux rinunzjabbli mill-partijiet."*

11. Kif diga inghad din il-Qorti taqbel ma' din il-konkluzjoni studjata tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Pero irid jinghad ukoll li anke fil-kaz odjern hemm gudikat imsemmi fl-atti ta' dawn il-proceduri, u allura din il-Qorti trid bil-fors tiehu in konsiderazzjoni tal-gudikat precedenti.

12. Id-difensuri tar-rikorrent issottomettew, li l-gudikat precedenti ma kienx jikkoncerna proceduri taht l-Artikolu 281 tal-Kodici ta' Procedura Civili, izda dak li huma sejhu "procedura ta' kontromandat", li ammettew li m'hix kontemplata bil-ligi, izda rikonoxxuta fil-prattika ta' dawn il-Qrati, fejn jintalab il-hrug ta' kontromandat fuq il-formula preskritta fil-Kodici ta' Procedura Civili. Skond l-avukati difensuri tar-rikorrent din il-formula tintuza meta t-talba tkun ta' facile spedizione, u ghandha tintuza wkoll wara li talba ghar-revoka ta' mandat taht l-Artikolu 281 tigi milqugha mill-Qorti. Fil-fatt huma jissottomettu illi f'din il-"procedura ta' kontromandat" ma jsirx smiegh u lanqas hemm dritt ta' appell mid-digriet li jigi moghti.

13. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, din id-distinzjoni li qieghdin jippruvaw jaghmlu l-avukati difensuri tar-rikorrent bejn talba ghat-thassir ta' mandat ezekuttiv taht l-Artikolu 281 tal-Kodici ta' Procedura Civili, u dak li huma sejhu "il-procedura tal-kontromandat" msejsa fuq il-prassi hija semplicement sofismu, li legalment ma jreggix. Il-kelma "kontromandat" tfisser li mandat jigi revokat, u allura mhassar u ma jibqghax fis-sehh. Sabiex mandat jista' jigi revokat, il-procedura trid tkun espressament kontemplata fil-ligi. Fil-fatt l-Artikolu 281(1) jibda' billi jghid *"(m)ingħajr preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt din il-liġi jew xi liġi oħra,"* – li jista' jfisser biss li l-jedd ta' persuna li titlob ir-revoka ta' mandat trid tkun preskritta jew fil-Kodici ta' Procedura Civili (*'din il-ligi')* jew f'xi ligi ohra – certament ma tistghax tkun msejsa fuq semplicement prassi.

14. Huwa vera li l-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi wkoll il-formula tal-kontromandat fl-iSkeda B, in forza tal-Artikolu 1007. Pero ghal dak li jirrigwarda talbiet ghal revoka ta' mandati ezekuttivi, din il-formula tista' facilment tintuza meta t-talba qed issir mill-kreditur stess, u allura meta certament mhux se tigi kontestata mid-debitur, jew meta issir mid-debitur, u l-kreditur jiddikjara fuq il-formula li m'ghandhux oggezzjoni, qabel mal-formula tigi pprezentata fir-registru. Ma hemm xejn legalment hazin li din il-formula tintuza wkoll meta t-talba issir mid-debitur fejn ikun jaf li l-kreditur ikun ser iqajjem oggezzjoni, ghalkemm f'dan il-kaz il-formula tista' tkun restrittiva f'termini ta' spazju fiziku sabiex il-debitur jispjega fid-dettal ir-ragunijiet ghaliex qed jitlob ir-revoka tal-mandat.

15. Pero fl-opinjoni ta' din il-Qorti, anke meta d-debitur jaghzel li jitlob ir-revoka tal-mandat fuq il-formula, u ma jkunx ottjena minn qabel il-kunsens tal-kreditur, irid jottempera ruhu mar-rekwiziti tal-Artikolu 281, u ghandha tigi segwita l-procedura kontemplata fl-Artikolu 281. Din kienet dejjem l-interpretazzjoni li tat din il-Qorti, kif preseduta, lil dan l-Artikolu 281, anke fejn it-talba quddiemha ghar-revoka tal-mandat saret fuq il-formula tal-kontro-mandat.

16. Ghar-rigward is-sottomissjoni tar-rikorrent li dak li huwa sejjah "il-procedura tal-kontromandat" hija msejsa biss fuq prassi, il-Qorti tirreferi ghal dak li jippreskrivi l-Artikolu 1009 tal-Kodici ta' Procedura Civili, u tieqaf hemm.[2]

17. Fil-kaz odjern huwa pacifiku bejn il-partijiet u jirrizulta mill-atti, li din il-Qorti, diversament preseduta, diga cahdet talba tar-rikorrent sostanzjalment identika ghal dik odjerna b'digriet tas-26 ta' Mejju 2023. Konsegwentement, din il-Qorti hija prekluza milli tiehu konjizzjoni tar-rikors promotur minhabba l-ostaklu tal-gudikat.

18. Rigward is-sottomissjoni tar-rikorrent, li fil-proceduri tal-kontro-mandat numru 1151/2023, din il-Qorti diversament preseduta ma segwietx il-procedura kontemplata fl-Artikolu 281, din il-Qorti tirrileva li certament ma hix il-funzjoni ta' din il-Qorti li tindaga dwar il-mod ta' kif din il-Qorti diversament preseduta tkun mexxiet il-proceduri

[2] L-Artikolu 1009 tal-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi hekk: *"Kull użu jew drawwa kuntrarja jew mhux kompatibbli mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi m'għandux ikollhom effett."*

taghha, u dwar il-validita ta' dik l-istess procedura. Din l-indagini tista' talvolta tifforma l-meritu ta' proceduri gudizzjarji ohra idonei.

**Konkluzjoni**

19. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

(1) tiddikjara li qed tiddeklina milli tiehu konjizzjoni tar-rikors tar-rikorrent tas-6 ta' Settembru 2023, billi hija prekluza li taghmel dan minhabba l-ostaklu tal-gudikat.

20. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mir-rikorrent.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**